CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 74

L-Erbgħa, 13 ta' Frar 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Joe Debono- Viċi Sindku

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.14pm.

## 74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

74.1.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra email mingħand il-Viċi Sindku, is- Sur Joe Debono fejn talab lill-Kunsill li jiġi skuzat minħabba raġunijiet personali li ma kellux kontroll fuqhom. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

## 74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

74.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tlieta u Sebgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

74.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

74.3.1 Is-Sindku infurma lill- Kunsill li bħalissa ma huwa kuntent xejn bis-servizz li qed jingħata mill-kuntrattur tal-knis u jekk fil-ġimgħat li ġejjin mhux ser jara' progress huwa ser iressaq it-talba tiegħu biex jintemm il-kuntratt minnufih.

74.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li rċieva xi ilmenti fuq l-istat tat-Tomba fejn wara li saru ix-xogħolijiet tar-railings jidher li kien għad baqa' xi mbarazz li ma tneħħewx u li huma ta' xkiel ghal min izur din l-area. Huwa kellem lill-perit inkarigat biex jieħu azzjoni.

74.3.3 Is-Sindku talab li tintbgħat ittra lill-Onorevoli Ministru Owen Bonnici biex ikun hemm l-intervent tad-Direttorat tar- Restawr minħabba l-istat li jinsab fih Ghajn Hammam.

74.3.4 Is-Sindku talab li tinbgħat ittra lill-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi, biex forsi jkun hemm l-għajnuna tiegħu bħala Ministru tat-Turizmu wara li ġejna nfurmati mill- Malta Tourism Authority fuq talba tagħna li mhux ser tingħata għajnuna lill-Kunsill biex tittella' l-attivita' tal-Medieval Mdina kif ukoll il-kuntratt li kellna ma' MTA għal manutenzjoni tal-Gnien Howard li ma giex mġedded li kien ilu fis-sehh sa' mill-2008.

74.3.5 Is-Sindku wara diskussjoni mas-SE jidhirlu li l-Kunsill għandu jattwa policy f'dak li jirrigwarda GDPR u din il-materja għandha tiġi ttrattata b'urġenza minħabba l-importanza tagħha.

## 74.4 Offerti- Servizzi ta' Perit-MLC/03/18- Aġġudikazzjoni

74.4.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed r-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni rigward l-offerti li ntefghu fejn qed jiġi rakkomandat li dan il-kuntratt jingħata lill- ARC Studio Ltd.

74.4.2 Wara li dan ir-rapport ġie diskuss, il-Kunsill approva din ir-rakkomandazzjoni.

**74.5 Installazzjoni ta' tabelli elettroniċi fl-Mdina mid- Direttorat tar-Restawr**

74.5.1 Wara li s-sena l-oħra id- Direttorat tar-Restawr kien ppropona mal-Kunsill li jiġu installatati tabelli ta' informazzjoni, id- Direttorat ressaq il-pjanti fejn ser jiġu installati għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill

74.5.1.1 Il-Kunsill ddeċieda li filwaqt li huwa jaqbel li jiġu installati dawn it-tabelli, il-postijiet fejn kienu qed jidhru mmarkati, il-kunsill ma qabilx ma numru minn dawn u ghalhekk talab lis- SE biex issir laqgħa apposta mad- Direttorat u jiġu identifikati oħrajn

**74.6 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta' xogħolijiet**

74.6.1 Talba minn mimmalta biex issir attivita' il-Pjazza tas- Sur nhar it- 22 ta' Settembru 2019. Il-Kunsill approva u għanda titħallas ir-rata stabbilita' fil-Bye Law ta' l-attivitajiet.

74.6.2 Talba mis- Sur Attard biex tittella' il-wirja annwali ta' Vari ġewwa l- Kappella ta' Sant' Agata. Il-Kunsill approva.

74.6.3 Is- Segretarjat Parlamentari għal Kunsill Lokali bgħat jgħarraf li dawk il-kunsilli li jixtiequ jagħmlu uzu mill-paġna FB biex jizdied il-promozzjoni tal-Kunsill Lokali partikulari, jistgħu jagħmlu dan minnufih.

74.6.4 Talba minn resident biex jiġi nstallat charging point ġewwa l-Mdina għal karozzi elettriċi. Il-Kunsill ser iressaq din it-talba lill-Transport Malta

74.6.5 Cirkulari Nru. SPI3/2019- Fond għaz-zamma u l-manutenzjoni ta' Progetti Infrastrutturali maġġuri li ġew mwettqa mill- Gvern Centrali.- Il-Kunsill ser japplika biex sisir il-manutenzjoni ta' Casino Notabile.

**74.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

74.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tas-13 ta’ Frar 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 13, 943.23

L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**73.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

73.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.54pm u ġiet aġġornata għas-13 ta’ Marzu 2019 fit-3pm

IFFIRMATA

_______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA

_________________________

Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 10-04-2019________